MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 744/1997/1

Carmelo Farrugia
vs
Chairman Malta Development Corporation, Chairman Employment Training Corporation u Dipartiment tal-Ghajnuna Socjali

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn is-sena 1988, ir-rikorrent sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi huwa gie mwaqqaf mill-impjieg tieghu bhala impressed car u ma gie offrut l-ebda xoghol iehor.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti.

Illi r-rikorrent kien dahal fl-ingagg tal-MDC cirka fl-1984 u fl-1988 huwa kien gie infurmat illi l-MDC ma kellhiex aktar

bzonn is-servizzi tieghu u ghalhekk l-impjieg tieghu bhala impressed kien gie fit-tmiem.

Illi r-rikorrent kien hassu aggravat b'din id-decizjoni ghax, apparti l-fatt illi sa fejn jinsab ghall-kurrent, huwa dejjem agixxa b'mod ezemplari u ghalhekk ma kienx hemm raguni valida ghalfejn kellu jigi terminat l-ewwel impieg tieghu u mhux ta' persuna ohra li kienet ghadha kif giet impjegata.

Gie indikat illi 4 xhur qabel l-impjieg tar-rikorrent kien gie terminat, l-istess MDC kienet ingaggat persuna ohra taghmel xoghol ezatt bhal dak li kien jaghmel ir-rikorrent u meta gie deciz li ghandu jitkecca xi hadd, flok gie applikat il-principju last in first out, ingustament itterminaw l-impjieg tar-rikorrent.

Illi appena gara hekk ir-rikorrent beda jirregistra stante illi spicca minghajr impieg.

Tul kemm dam jirregistra huwa qatt ma gie offrut xi forma ta' impjieg.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqtant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u rriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent gew kommessi diversi ingustizzji konsistenti fil-fatt illi l-impieg tieghu bhala impressed car gie ingustament terminat u fil-fatt illi huwa qatt ma gie offrut xi forma ta' impjieg wara t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu (2) kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji hekk sofferti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni 'ratione materiae' biex jisma' dan il-kaz stante li l-ilment tar-rikorrent huwa dwar allegata terminazzjoni ta' impjieg. Illi l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997 ma jelenkax fost wiehed mill-kapijiet ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal tali terminazzjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat mhux legittimu kontradittur f'dan il-kaz stante li l-unika relazzjoni guridika li hu qatt kellu mar-rikorrent kien li jaghtih il-beneficcju tad-disimpjieg u ghajnuna socjali u pensjoni ghall-invalidita`. Ghalhekk l-intimat m'ghandux jirrispondi ghall-ebda allegata ingustizzja maghmula fil-konfront tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal sabiex fl-ewwel lok jiddikjara li m'ghandux gurisdizzjoni 'ratione materiae' fil-kaz u subordinatament li l-intimat mhux legittimu kontradittur.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta ta' l-Employment Training Corporation li eccepiet:

Illi fil-konfront tas-socjeta` intimata, ir-rikorrent ma ghandux x'jilmenta stante illi kif gie muri waqt is-smiegh l-intimati mxew ma' l-istess rikorrent bl-istess mod illi mxew ma' kull persuna ohra fl-istess cirkostanzi tieghu.

Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent kellu dritt li jaghmel l-appell appozitu quddiem in-National Employement Authority.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta`intimata.

Ra r-risposta tal-intimat Chairman Malta Development Corporation li eccepixxa:

Illi l-ilmenti tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan stante li r-rikorrent ma garrab ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew li nghatat bi hsara ghalih.

Illi l-ingagg tar-rikorrent mal-Korporazzjoni intimata bhala "impressed driver" kien ghal perjodi ta' tlett xhur, tlett xhur u l-intimat ma kienx tenut la li jgedded l-imsemmi ingagg u l-anqas li joffri xi forma ta' impieg lir-rikorrent wara t-terminazzjoni ta' l-ingagg tieghu bhala 'impressed driver'. Mhux minnu li l-ingagg tar-rikorrent bhala 'impressed driver' kien gie terminat, imma dak li gara kien li l-kuntratt skadielu t-terminu ta' tlett xhur u ma regax gie mgedded.

Illi inoltre l-ingagg tar-rikorrent bhala 'impressed driver' ma kienx l-uniku wiehed li matul is-snin ma giex imgedded, tant hu hekk li llum il-Korporazzjoni intimata ma taghmilx uzu mis-sistema ta' 'impressed cars'.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Korporazzjoni intimata ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.
Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi fit-28 ta' Gunju 2000 it-Tribunal iddecieda dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *'ratione materiae'* u cahad din l-eccezzjoni ghar-ragunijiet hemm indikati.

Gie prezentat affidavit tar-rikorrent li fih qal li kien dahhal il-karozza tieghu impressed mal-MDC xi erba' snin u nofs qabel Mejju 1987. Qal li x-xoghol tieghu sa Marzu 1998 kien xufier ma' l-istaff tad-Dipartiment ta' l-Industrija u n-

nies li kien iservi kienu Joe Zammit, Joe Cutajar, Joe Agius u Wilfred Gauci li kienu Administration Officers. Semma li bhala xufiera impressed ma' l-industrija kienu tnejn biss. Qal li xi sena wara li kien gie ingaggat bhala impressed u cioe` fl-1982-83 il-Ministeru ta' l-Industrija kien ingagga persuna ohra bhala impressed driver u cioe` lil certu Benny Farrugia u xi sitt xhur qabel Marzu 1998 meta kien gie mwaqqaf kienu gabu persuna ohra impressed minn Dipartiment iehor li kien jismu Toni pero` ma ftakarx kunjomu.

Semma li l-Ministru Dalli waqt speech kien accerthom li hadd ma kien ser jitlef ix-xoghol u ghalhekk qal li kien skanta meta rcieva l-ittra minghand ic-Chairman tal-MDC fejn informawh li kien qieghed jitterminalu l-impjieg. Qal li kien l-impjieg tieghu u ta' Benny Farrugia li kien gie mitmum filwaqt li t-tnejn l-ohra baqghu fl-impjieg. Semma li Tony li kien mar warajh baqa' fl-impjieg u ghalhekk sostna li t-terminazzjoni tal-kuntratt tieghu kienet ingusta ghax se mai kellu jigi terminat ta' dak l-iehor li mar warajh li huwa car li ngieb biex jitnehha hu.

Qal li mar ikellem lis-segretarju tal-Ministru John Dalli, Bastjan Dalli izda dan ma setax jghinu. Semma li minn meta gie terminat l-impjieg tieghu kien ghamel seba' snin jirregistra sakemm effettivament ghadda bord. Qal li qatt ma bghatu ghalih ghal xi impieg ghalkemm kien jaf b'diversi persuni mill-Imqabba bhal Michael Cassar li gew impjegati bhala impressed f'postijiet ohra. Qal li dak l-istat ta' fatt kien tefghu f'depressjoni kbira.

Semma li kien jirregistra ghal Waterproofing u ghal Labourer u li kellu karozza li kienet available ghall-impresed u kien informa lill-Labour Office biha. Qal li ma jafx jekk kienx hemm haddiehor li mar jirregistra ghall-waterproofing jew labourer u ntbaghat ghall-intervista waqt li hu le. Semma li meta spicca mill-imprest mal-MDC fl-1988 kien ghamel xi xhur wieqaf u wara kien ghamel xi sena jahdem ma' Azzoppardi fil-Waterproofing.

Qal li meta spicca minn ma' Azzoppardi beda jirregistra u pprova jahdem bl-imprest u semma li kien hemm min

beda jirregistra warajh ghal karozza imprest u dahhluh u lilu le. Fost dawk li qabzuh u ma kienux mal-MDC kien hemm Mikiel Muscat, Lonzu Mifsud u Karmenu Farrugia u ma' l-MDC semma lil Toni li dahal jahdem warajh. Semma li kien infurmat permezz ta' ittra mic-Chairman Michael Soler li l-kuntratt tieghu mhux ser jiggedded. Qal li x-xoghol ma' ta' Azzoppardi kien jaf bih minn xi nies hbieb tieghu u sostna li qatt ma kienu baghatu ghalih. Qal li intavola l-kawza kontra d-Dipartiment tal-Ghajnuna Socjali minhabba l-fatt tal-beneficcju minhabba l-karozza li kienet impresed.

Xehed Edwin Mallia Senior Executive mal-ETC u semma li ma' tal-impressed l-ETC qatt ma dahlet pero` r-rikorrent fl-1990 u l-1995 kien jirregistra maghha bhala "insulation worker". Dan fil-fatt kien jidhol fis-sezzjoni tal-Water Proofing Worker u dan dejjem skond ma jkun talab hu stess. Bejn l-1987 sal-1995 ma kienux jinzammu r-records tas-sottomissjonijiet u ghalhekk ma setax jghid jekk fil-fatt l-ETC kenitx baghatet ghar-rikorrent dwar xoghol izda qal li kieku kien ikollhom bzonnu naturalment kienu jibghatu ghalih. Semma li mir-record tar-rikorrent jirrizulta li hu kien gie intervistat fl-1990 u tpogga fuq xoghol fil-Waterproofing u Chrome Plating. Dawn it-tnejn kienu "unclassified" dak iz-zmien u allura hemm problemi kbar biex wiehed isib ir-records.

Qal li meta kkuntattja l-IT Section taghhom, fid-database dawn sabu li bejn meta bdew izommu records bil-computer jigifieri fl-10 ta' Jannar 1994 sa Marzu tal-1995 meta spicca jirregistra r-rikorrent, dan kien wahdu jirregistra bhala Insulation Worker. Issa bhala records jekk kellhomx vacancies fil-privat ma kienux jinzammu. Semma li l-post ta' Waterproofer li kien jirregistra ghalih ir-rikorrent kien post li mhux soltu jitolbuh. Qal li r-rikorrent l-ahhar li hadem bhala Waterproofer kien mad-ditta Charles Azzoppardi u fil-workbook taghhom kien imnizzel bhala Labourer. Qal li huma ma ghamlu l-ebda diskriminazzjoni f'dan il-kaz ghax ma kellhomx vacancies. Kieku kellhom vacancies qal li kienu jibghatuhom u mbaghad sta ghall-employer jehdux jew le. Esebixxa l-karti ta' registrazzjoni tar-rikorrent li minnhom jirrizulta meta kien jahdem ma'

Azzoppardi kien imnizzel bhala Labourer ghalkemm kien jaghmel xoghol ta’ Waterproofer.

Xehed Adrian Attard Principal Officer mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u semma li r-rikorrent kien qed jithallas Social Assistance maghruf bhala “relief” mis-sena 1990 sas-sena 1997 u rrizulta li kien ircieva Lm4970. Qal li r-rikorrent kien hareg invalidat u beda jiehu pensjoni tal-invalidita` sa Settembru 1997 u mbaghad fis-27 ta’ Settembru beda jithallas retirement pension peress li ghalaq il-61 sena u ghadu jithallas sal-lum.

Xehdet Mary Cauchi Manager Personnel mal-Malta Development Corporation u qalet li r-rikorrent kellu karozza impressed liema karozza kienet dahlet fis-servizz fl-1 ta’ Ottubru 1984 mal-Malta Development Corporation. Semmiet li kien hemm nies ohra li kellhom il-karozza bl-impressed qabel kien dahal ir-rikorrent fosthom Anthony Caruana u Mario Farrugia. Dwar il-kuntratt tal-impressed drivers qalet li kien a bazi ta’ tliet xhur renewable u dak kien is-soltu kuntratt li dejjem kien isir fuq tal-impressed drivers. Semmiet li wara l-31 ta’ Jannar 1988 ir-rikorrent kien gie avzat li s-servizzi tieghu ma kienux aktar bzonnjuzi. Qalet li meta spicca r-rikorrent kien ghad fadal is-Sur Anthony Caruana u s-Sur Mario Farrugia. Ir-rikorrent u s-Sur Benny Azzoppardi kienu waqfu fl-istess gurnata. It-tnejn l-ohra li kien ghad fadal hemmhekk kienu dahlu qabel ir-rikorrent. In segwitu kien hemm nies ohra li kienu dahlu bl-impressed.

Qalet li dettalji dwar ir-renewals of contract u kif spiccaw terminazzjoni ta’ l-individwi ma sabitx. Sabet zewg ittri mibghuta lilhom li s-servizz taghhom mhux se jigi estiz u li l-ETC baghtu jghidulhom li beyond that time mhux se jigi estiz, pero` ragunijiet ghaliex ma sabet imkien fil-files. Qalet li ma sabet l-ebda raguni ghaliex twaqqaf ir-rikorrent. Wara r-rikorrent kien dahal certu Francis Vidal fit-13 ta’ Awissu 1990.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] ***Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur*** fil-kaz stante li l-unika relazzjoni

guridika li hu qatt kellu mar-rikorrent kienet li jaghtih il-beneficcju tad-disimpieg u ghajnuna socjali u pensjoni ghall-invalidita`. It-Tribunal isib illi f'ebda parti tar-rikors ir-rikorrent ma lmenta dwar dawn l-aspetti izda dwar il-fatt li ma giex imgedded lilu l-karozza bl-impressed u li in segwitu dahhlu nies ohra. Fil-fehma tat-Tribunal l-intimat Direttur tas-Sigurta` Socjali b'ebda mod ma jista' jinsab hati ta' xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

B] ***Ic-Chairman ta' l-ETC eccepixxa li r-rikorrent ma ghandux x'jilmenta fil-konfront tieghu.*** L-ETC imxiet mar-rikorrent bl-istess mod li mxew ma' kull persuna ohra fl-istess cirkostanzi tieghu. Hawnhekk jinghad ukoll illi f'ebda hin fil-kors tal-kawza u l-anqas fir-rikors ir-rikorrent ma gab provi kontra l-ETC u ma hemm xejn li jinkwadra bhala ingustizzja kif definita fil-Kap 394 u ghalhekk jillibera lic-Chairman ETC mill-osservanza tal-gudizzju.

C] ***Chairman Malta Development Corporation eccepixxa li l-ilment tar-rikorrent huwa infondat ghax ma giet kommessa ebda ingustizzja fil-konfront tieghu.*** Jinghad li kien hemm diversi drivers mal-MDC u cioe` Anthony Caruana li dahal fl-10 ta' Mejju 1982, Mario Farrugia li dahal fl-1 ta' Awissu 1984. Ir-rikorrent dahal fl-1 ta' Ottubru 1984 u Benny Azzopardi f'April 1986 waqt li Francis Vidal fit-13 ta' Awissu 1990. Irrizulta li fil-31 ta' Jannar 1988 ma giex imgedded il-kuntratt tar-rikorrent u ta' Benny Azzopardi u certament sa hawnhekk it-Tribunal ma jistax isib htija fil-konfront ta' l-intimat Chairman MDC ghax it-tnejn li thallew jahdmu hemmhekk kellhom kuntratt aktar antik u hawn it-Tribunal qed jirriferixxi ghall-ewwel kuntratt li kellhom Caruana u Farrugia. Inghad li ma nstabet ebda raguni ghaliex ir-rikorrent twaqqaf mix-xoghol. Izda rrizulta li Vidal dahal sentejn wara minghajr ma saret offerta lir-rikorrent jekk riedx jidhol. Huwa biss taht dan l-aspett li gie mdahhal fih Vidal fl-1990 illi dwaru jista' jilmenta r-rikorrent. Ma nghatatx raguni valida ghaliex iddahhal Vidal u mhux ir-rikorrent. Fil-fehma tat-Tribunal dan jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna  rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf u hames mitt lira [LM1500].  Spejjez kontra c-Chairman MDC hlief dawk relattivi ghal Chairman ETC u Dipartiment ta’ l-Ghajnuna Socjali li huma a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------